MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 933/2003

**International Automobiles Limited**

**Vs**

**Walter Joe Tanti**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm625.36c (sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rappresentanti erba’ (4) kambjala li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew, izda baqghu ma thallsux u dan nonstante li huwa gie diversi drabi interpellat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Marzu, 2003 u tal-parir Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ kull skadenza.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta’ l-spejjez.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici ghall-ispejjez f’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------